Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10109 - CINVEN/BCI/COMPRE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 32/11)

1. Fit-22 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cinven Capital Management (SFF) General Partner Limited ("Cinven") (Guernsey),

— The British Columbia Investment Management Corporation ("BCI", il-Kanada),

— Cambridge Topco Limited u Cambridge Holdco Limited (flimkien "Compre", Malta).

Cinven SFF u BCI jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Compre.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cinven SFF: impriża ta' ekwità privata impenjata li tipprovdi servizzi ta' ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment għal għadd ta' fondi tal-investiment. Cinven tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet.

— BCI: ġestjoni tal-investiment għall-klijenti tas-settur pubbliku bi dħul fiss fil-British Columbia, ekwitajiet pubbliċi, ekwità privata, infrastruttura, riżorsi rinnovabbli, proprjetà immobbli u ipoteki kummerċjali.

— Compre: kumpanija tal-assikurazzjoni u tar-riassikurazzjoni li tispeċjalizza fil-konsolidazzjoni ta' portafolli tal-assikurazzjoni mhux tal-ħajja "magħluqa" li ma tkomplewx minn kumpaniji tal-assikurazzjoni oħra mhux tal-ħajja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10109 – Cinven/BCI/Compre

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË